StudentBounty.com

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2010**

**IT-TIELET SENA** **STORJA (OPTION)** **ĦIN: Siegħa u nofs**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**L-Ewwel Parti - Storja ta' Malta**

**A. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Sors A.** La Vallette kien suldat kalm, kwiet, ċar fil-kliem tiegħu, kellu kontroll perfett tiegħu nnifsu u tan-nies ta' madwaru. . . . kien jirbaħ l-interess tan-nies permezz tal-kuraġġ kbir li kellu u bir-rispett li kien inissel.

**Sors B**



1. Min kien La Vallette? ______________________________ (1)
2. X'taħseb li għamel La Vallette meta l-ispiji qalulu li t-Torok kienu ser jattakkaw lil Malta?

   ______________________________

   ______________________________ (2)
3. Taħseb li l-awtur ta' sors A qed jitkellem favur jew kontra La Vallette? Sib tliet kelmiet jew frażijiet dwar La Vallette li qed juża l-kittieb?

   ______________________________

   ______________________________ (2)
4. Ħares lejn sors B. Iddeskrivi l-ħwejjeġ u l-armatura li liebes La Vallette.

   ______________________________ (1)
5. X'għandu taħt saqajh La Vallette? Lil min tirrappreżenta?

   ______________________________

   ______________________________ (2)
6. Wara l-Assedju tal-1565 La Vallette u l-Ordni bdew il-bini ta' belt ġdida. Fuq liema għolja bdiet tinbena din il-belt u għal min issemmiet?

   ______________________________

   ______________________________(2)

**(Total 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dan is-sors.**




**Sors Ċ.** Pittura tas-seklu 18 li turi l-flotta tal-Ordni waqt ġlieda fuq il-baħar.

1. Ta' liema **żewġ** qawwiet huma x-xwieni li jidhru fil-pittura f'sors Ċ? Kif taf?

________________________________________________________________

______________________________________________________________ (1, 1)

2. Xi tfisser il-kelma 'flotta'? ________________________________________ (1)

3. X'kienet tissejjaħ l-industrija tal-piraterija li kienet importanti ħafna għal Malta dak iż-żmien?

______________________________________________________________ (1)

4. Għaliex bosta Maltin kienu jmorru jaħdmu fuq ix-xwieni tal-Ordni?

________________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

5. Semmi **żewġ** tipi ta' xogħol li l-Maltin kienu jsibu mal-flotta tal-Ordni.

______________________________________________________________ (2)

6. Fl-1571 il-flotta tal-Ordni ħadet sehem f'battalja kbira fil-Mediterran. Kif inhi magħrufa din il-battalja?

______________________________________________________________ (2)

**(Total 10 marki)**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Ċ. Wieġeb il-mistoqsijiet fuq dan is-sors.**

**Sors D.** "Nhar il-Ħadd 2 ta' Settembru 1798, wara nofsinhar, telaq minn Birkirkara għall-Imdina fuq biċċa xogħol. Fit-triq sema' xi sparar 'l hawn u 'l hemm mill-Imdina. Malli wasal fuq is-Saqqajja (qrib ir-Rabat) qalulu li l-Maltin kienu qegħdin jiħduha kontra l-Franċiżi. Bla telf ta' żmien reġa' niżel lura. Waqaf f'Ħ'Attard biex jgħidilhom jippreparaw l-armi li kellhom u baqa' sejjer lejn Birkirkara. Kien riesaq il-lejl ġmielu. Hawn ukoll ħejja n-nies għat-taqbid. Borġ (Ċensu Braret) malajr ġabar … armata żgħira. Hu ħataf f'idejh il-batterija li kien hemm f'San Ġiljan, u ġarr nofs kartell porvli u wara ħa f'idejh dik ta' San Ġorġ… B'kollox akkwista 29 biċċa tan-nar."

(Zammit, W. L. 'Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti fl-1799-1800'. Klabb Kotba Maltin pp. 22-23)

1. Is-sors igħid li *fit-triq sema' xi sparar 'l hawn u 'l hemm mill-Imdina*. X'kien qiegħed iseħħ dak il-ħin?

_______________________________________________ (1)

2. Għaliex il-Maltin irvellaw kontra t-tmexxija Franċiża?

_______________________________________________ (1)

3. Fis-silta tissemma l-kelma 'batterija'. Xi tfisser?

_______________________________________________ (1)

4. Min kien imexxi lil Malta qabel il-wasla tal-Franċiżi? ____________________ (1)

5. Wara li qrajt din is-silta, x'tip ta' bniedem taħseb li kien Braret?

_______________________________________________ (1)

6. Spjega kif kienet is-sitwazzjoni f'Malta fi żmien l-Imblokk kontra l-Franċiżi.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

7. Spjega għaliex il-Franċiżi ċedew fl-1800.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________ (3)

**(Total 10 marki)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**C. Ikteb paragrafu fuq TNEJN minn dawn. Kull paragrafu għandu jkun ta' m... sentenzi.**

1. Il-Miġja tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta
2. X'wassal għall-Assedju l-Kbir ta' Malta tal-1565
3. Ir-restawr tal-Imdina minn Mondion
4. L-irvell tal-Qassisin
5. L-Inkwiżizzjoni f'Malta
6. Riformi li wettqu l-Franċiżi f'Malta **(10 x 2 = 20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## It-Tieni Parti - Storja tal-Ewropa

**E. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Sors E**

"In Italy, during Leonardo's time, there were many brilliant painters, architects, sculptors, writers and scientists. The period is known as 'The Renaissance', meaning 're-birth', and it indicates the rebirth or revival of interest in classical art and literature. Men began again to copy the styles of ancient Rome and Greece."

(adapted Jones, J. *The Early Modern World 1450-1700*, Macmillan Education Ltd. 1992)

**Sors F**



1. Minn Sors E, spjega xi tfisser il-kelma Rinaxximent.

_______________________________________________ (1)

2. F'liema pajjiż fl-Ewropa beda r-Rinaxximent?

_______________________________ (1)

3. Semmi **erba'** oqsma li għamlu żvilupp u mxew 'il quddiem fi żmien ir-Rinaxximent.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

4. Semmi **żewġt** ibliet fejn għadna naraw ħafna opri tal-arti ta' żmien ir-Rinaxximent.

_____________________ _____________________ (2)

5. Spjega x'qiegħed jiġri fl-istampa li tidher f'sors F?

_______________________________________________ (1)

6. Din is-sistema nbdiet minn ( Cortes, Dante, Gutenburg, Caravaggio). (1)

7. Kif kienu jsiru l-kotba qabel ma kienet ivvintata din is-sistema?

_______________________________________________ (1)

8. X'effett kellha din l-invenzjoni fuq in-nies ta' dak iż-zmien?

_______________________________________________ (1)

**(Total 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**F. Ħares lejn is-sors u wieġeb il-mistoqsijiet.**



**Sors G:** Il-qtil tar-re ta' Franza.

1. F'liema sena seħħet ir-Rivoluzzjoni Franċiża ġewwa Franza? Agħżel id-data t-tajba billi tagħmel sing taħtha (1889, 1800, 1789, 1798). (1)

2. Semmi **żewġ** kawżi li wasslu għar-Rivoluzzjoni Franċiża.

   (i)________________________________________

   (ii)_______________________________________ (2)

3. Meta bdiet ir-Rivoluzzjoni ġewwa Pariġi fl-14 ta' Lulju, il-poplu ta' Pariġi attakka ħabs. X'kien jismu dan il-ħabs u għala kien attakkat?

   __________________________________________

   _________________________________________ (2)

4. Xi ġralhom il-Knisja Kattolika u n-nobbli fi Franza waqt ir-Rivoluzzjoni?

   _________________________________________ (1)

5. Fl-istampa qegħdin naraw il-qtil tar-re ta' Franza.

   a. X'kien jismu dan ir-re? ___________________________(1)

   b. B'liema makkinarju ġie maqtul? ________________________ (1)

6. X'forma ta' gvern twaqqfet fi Franza wara li tneħħiet il-monarkija?

   _________________________________________ (1)

7. Wara dan kollu, Franza għaddiet f'idejn ġeneral tal-armata Franċiża. Dan ir-raġel baqa' msemmi fl-istorja bħala mexxej kbir. Min kien?

   _________________________________________ (1)

**(Total 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**G. Ħares lejn dawn is-sorsi u wieġeb il-mistoqsijiet.**

**Sors H**

The extraordinary actions and adventures of these men… leave us in admiration of the bold and heroic qualities [which are part of] the Spanish character which led that nation to so high a pitch of power and glory, and which are still [visible] in the great mass of that gallant people by those who have an opportunity of judging them rightly.

(Washington Irving, *The life and voyages of Christopher Columbus to which are added those of his companions* (New York, 1860; 3 vols.), vol. 3, introduction, p. xv.)

**Sors I**

The cause of killing and destroying such an infinite number of souls by the Christians [i.e., Conquistadores] has been simply that their whole end was to acquire gold and riches in the shortest time so that they might rise to [grand] positions out of all proportion to their wealth: in a word, the cause of such ills has been their… ambition and [desire]....

(Bartolomé de las Casas, *Brevísima relación de la destrucción de las Indias, 1945)*

1. Taħseb li dawn is-sorsi huma sorsi primarji jew sorsi sekondarji? Għid għaliex.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________ (2)

2. Minn liema pajjiż kienu dawn il-*Conquistadores*? ____________________________ (1)

3. Min skopra l-Amerika fl-1492? ________________________________________ (1)

4. a. Taħseb li l-awtur ta' sors H qed jitkellem favur jew kontra l-*Conquistadores*?

______________________________________________________________________________ (1)

b. Sib kliem mis-sors li juri dan.

______________________________________________________________________________ (1)

5. a. Taħseb li l-awtur ta' sors I qed jitkellem favur jew kontra l-*Conquistadores*?

______________________________________________________________________________ (1)

b. Sib kliem mis-sors li juri dan.

______________________________________________________________________________ (1)

6. Semmi **żewġ** pajjiżi li ntrebħu mill-*Conquistadores*.

______________________________________________________________________________ (2)

**(Total 10 marki)**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**H. Ikteb paragrafu fuq TNEJN minn dawn. Kull paragrafu għandu jkun ta' madwar ... sentenzi.**

1. Leonardo da Vinċi
2. Ir-rivoluzzjoni Protestanta
3. Il-qagħda tal-poplu l-fqir qabel ir-Rivoluzzjoni Franċiża
4. Kif Napuljun Bonaparti sar Imperatur
5. Is-Sistema Kontinentali
6. Għaliex Napuljun Bonaparti spiċċa biex tilef il-gwerra u kien eżiljat.

**(10 x 2 = 20 marka)**

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers